# Is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija

# M.U.S.E.U.M.

## Sena Ċentinarja (1907-2007)




Proprju mitt sena ilu fis-7 ta' Marzu 1907, Dun Ġorġ Preca beda fil-Ħamrun l-ewwel Museum. Il-parroċċa tagħna daqet minn din il-ħidma u sejrin nitkellmu fuq il-ħidma ta' erba' Soċji li mietu.

Sejrin inġibuhom wara xulxin permezz tad-data li fiha mietu, jiġifieri li ngħaqdu mal-Mulej. Dawn is-Soċji huma s-Superjur Salvu Buttigieg, is-Superjur Salvu Camilleri, Toni Camilleri u Manuel Camilleri.

### *Salvu Buttigieg (1919-1985)*

Nibqgħu niftakru lil Salvu għat-tjieba u l-ħlewwa ma' kulħadd. Nistgħu ngħidu li mhux biss il-Qala daqet mill-ħidma tiegħu iżda anki r-raħal tan-Nadur gawda minnu. Huwa serva ta' Superjur fin-Nadur mill-1948 sa 1964, meta nħatar Superjur tal-Qala. Jibqa' magħruf mhux biss fil-ħidma fil-Museum iżda anki ma' kull min kien jiltaqa'. Ta' min isemmi li kien imur anki fid-djar tan-nies jagħmlilhom xi injezzjonijiet. Qatt ma fittex l-unuri u l-kumdità iżda għamel milli kien jista' biex Ġesù jkun magħruf u maħbub. Kellu d-delizzju li jrabbi n-naħal u kien jgħaddi ħafna żmien jitgħaxxaq bih.

Salvu baqa' Superjur tal-Qasam tal-Qala sa ma miet ħabta u sabta fis-19 ta' Frar 1985.

### *Salvu Camilleri (1903-1990)*

Ngħożżu t-tifkira tas-Superjur Salvu Camilleri li ħadem f'bosta rħula. Wara kien Superjur ix-Xewkija filwaqt li kien imur jgħallem Għajnsielem u l-Għasri. Meta kien għadu żagħżugħ xtaq jidħol mal-Ġiżwiti iżda minħabba raġunijiet personali ma kompliex. Iżda l-idea li jaħdem għas-saltna ta' Alla baqgħet xorta waħda f'moħħu. Għalhekk ingħaqad mas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija u qatt ma fittex triqat oħra.

Darba mar ikellem lil Dun Ġorġ. Salvu qallu: "Nixtieq nidħol fis-Soċjetà tiegħek" u dlonk Dun Ġorġ beda jgħajjat u jgħidlu: "Is-Soċjetà mhix tiegħi iżda ta' San Pawl." Ftit ħin wara l-Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija qallu: "Sewwa, billi għandek vuċi sabiħa u taf tkanta – m'għandekx biex tiftaħar." Għal dan il-kliem Salvu baqa' miblugħ għaliex Dun Ġorġ qatt ma kien semgħu jkanta.

L-ewwel laqgħat tal-Museum fil-Qala kien jagħmilhom fix-xarabank tiegħu u kien strumentali biex jinbena l-Museum tal-Qala, li għal dawk iż-żminijiet kien mill-aktar modern.



Ir-raħal tal-Qala gawda ħafna minnu avolja fl-1964 kellu jitlaq minn Superjur biex imur l-Amerika għal xi sena. Iżda baqa' jaħdem għas-saltna ta' Alla permezz tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija sakemm iltaqa' mal-Mulej fis-6 ta' Marzu 1990.

## *Toni Camilleri (1912-2006)*

Ma nistgħux ninsew lil Toni Camilleri bħala bniedem mimli enerġija għax-xogħol, tant li baqa' jmur jaħdem fl-għalqa sa meta kellu madwar tlieta u tmenin sena. Kien ukoll impjegat bħala nurse fl-Isptar ta' Għawdex u anki ġie li ħadem Malta.

Toni kien ukoll imħeġġeġ għall-Museum. Qatt ma kien jixba' jitgħallem u jgħallem lill-oħrajn mill-aħjar li jista'. Tant dan huwa minnu li kien jieħu lit-tfal passiġġati twal kif ukoll kien iżomm 'notebook' biex fuqu jikteb sentenzi spiritwali u baqa' jiġi l-Qasam b'sagrifiċċju kbir, peress li kien naqsu s-smigħ u kien jagħmel sforz kbir biex jifhem lil dak li jkun qiegħed jitkellem.

Imbagħad is-sena l-oħra l-Kunsill Lokali tah ġieħ il-Qala flimkien mas-Soċju Manwel Camilleri u żewġ Soċji nisa.

Toni ngħaqad mal-Mulej fis-27 ta' Diċembru 2006 u kien l-aktar Soċju anzjan.

## *Manuel Camilleri (1914-2007)*

Għadha friska l-memorja ta' Manuel Camilleri li kien jipprova ma jfalli qatt il-Museum, avolja fis-sajf kien idum minħabba x-xogħol li kellu li jsuq ix-xarabank. Hu kien ħu Salvu Camilleri li kien l-ewwel Superjur tal-Museum tal-Qala. Kellhom lil ħuhom saċerdot li kien jismu Dun Anġ, li kien iħobb ukoll ħafna lill-Museum. Din il-familja kellha kuntatt ma' Dun Ġorġ Preca tant li darba ġie għandhom id-dar.

Ta' min jinnota li Manuel sar Soċju meta kellu 32 sena. Peress li kien ipejjep kellu jagħmel bosta sagrifiċċji biex jaqta' din id-drawwa. Kien jgħallem lit-tfal speċjalment dawk żgħar. Għal din il-ħidma ġie mogħti Ġieħ il-Qala flimkien ma' Toni Camilleri li semmejna kif ukoll żewġ Soċji nisa. Manuel ingħaqad mal-Mulej fil-11 ta' Frar 2007.

## Konklużjoni

Żgur li ma għedniex kollox fuq dawn is-Soċji. Dan l-artiklu jikkonsisti biss fi ftit tifkiriet li huma għeżież għalina. Forsi wieħed jistaqsi: X'kellhom komuni dawn is-Soċji? L-ewwelnett il-quddiesa u t-tqarbina ta' kuljum ma kienu jfalluha qatt, kienu jafu lill-Fundatur kif ukoll ipperseveraw sa mewthom fit-triq Museumina li kienu qabdu. Jalla l-eżempju tagħhom iħajjar aktar żgħażagħ biex jiddedikaw ruħhom lil Alla fil-vokazzjoni Museumina.

***Superjur u Soċji*** - *Qasam Qala*

Zeppi's Pub
TAPAS - BAR
St. Joseph Square,
Qala, Gozo
Tel: 2156 0069
ART BOX
gallery of modern art


"DAR TA' ZEPPI"
VINCE & TANJA BUTTIGIEG - VAN POUCKE
39, 28th April 1688 Street,
Qala GSM 103, Gozo / Malta
Tel: 21 55 50 51
9984 5538 (Vince)
9929 7553 (Tanja)
Website: www.dartazeppi.com
e-mail: zeppi@waldonet.net.mt